# Min għandu daru tal-ħġieġ....

Kollox kien imħejji għat-tieġ. Id-dar imgħammra u mżejjna mill-aħjar. Purtieri, tapiti, qsari; mejda mgħobbija bir-rigali; *wedding-cake* għali qisu kampnar jistenna d-daqqa ratba tal-għarusa; ħelu u xorb li jfakkrek fi żmenijiet li għaddew u min jaf meta jerġgħu jiġu. Is-Sa. Karmen tmekkek minn kamra għall-oħra, issa tħarrek kemm kemm siġġu għax jidhrilha li mhux floku, issa twitti b'riġilha tikmixa f'tapit, issa tqiegħed fejn jidher aħjar biljett marbut b'ħajta ħamra u kaħla ma' rigal, issa tħares lejn il-ħelu u tkeċċi dubbiena b'idha, issa ssejjaħ lill-qaddejja, dejjem sejra bla waqfien, bla serħan. Bintha, l-għarusa, kienet magħluqa f'kamritha, imdawwra b'mirji kbar, b'mejda quddiemha mimlija fliexken u kaxex, labar u molol, terer u fwejjaħ, kollha midhija tagħti l-aħħar daqqa ta' id lil xagħarha, ħaddejha, xufftejha, u idejha. Is-Sur Ġann, missier l-għarusa, kien fis-salott jisma' d-daqq fuq ir-radjo.

Ċempila l-bieb ta' barra. Wara nofs minuta dehret il-qaddejja tħabbar żjara lis-Sur Ġann.

—Qallek x'jismu ? staqsa s-Sur Ġann.

—Ġorġ; wieġbet il-qaddejja.

—Għidlu jgħaddi,

Ġorġ kien wieħed minn dawk li, għalkemm bla sengħa u bla professjoni, jafu jaqilgħuha tajjeb. Tgħid li kien samsâr tagħmillu għajb, għax kien iżommha ta' sinjur, imma xogħlu kien xogħol ta' samsâr. Issa jixtrilek mezzanin Birżebbuġa u wara siegħa jerġa' jbigħu b'ħamsin lira qligħ; issa ħa biċċa għalqa ċens Raħal Ġdid u reġa' taha għal bini b'ċens ogħla; issa jixtri liri tad-deheb biex jerġa' jbigħhom; issa jgħarrex u jfittex fejn sa jissellef elf lira għall-flien; issa ħaġa u issa oħra, u ta' kull jum tarah il-Belt il-Kafè *Premier* ma' oħrajn tal-qatgħa tiegħu, F'dil-gwerra, u l-aktar f'dawn l-aħħar xhur meta l-ikel beda jonqos f'Malta qabad xogħol ieħor. Trid xkora dqiq ? Trid wiżna zokkor? Trid xi ħaġa li ma ssibx tixtri minnha ? Għid lil Ġorġ, u Ġorġ jaqdik. Minn fejn kien iġib dak il-ġid ħadd ma kien jaf. Jekk kienx xtrah fil-bidu tal-gwerra bir-rħis u issa qiegħed ibigħu bil-għoli, jew inkella kienx qiegħed ibigħ għal xi ħadd ieħor li ma riedx jidher, hu waħdu kien jafu. Ħallas tajjeb u tkun moqdi, kien igħid, u l-bqija tħabbatx rasek ;bih.

—X'għandna, Ġorġ ? qallu s-Sur Ġann. Oqgħod bil-qiegħda.

—Tajjeb! wieġeb Ġorġ, li moħħu dak il-ħin ma kienx fil-kumplimenti fiergħa. Hux kollox sewwa? żied igħid Ġorġ; qdejtekx tajjeb?

—Tajjeb kemm jista' jkun. Li ma kontx int ma nafx kif kont irrid nagħmel. Ma xtaqtx kieku nżewweġ il binti bħal tifla tar-raħal bla ħelu, bla xorb, bla mistednin, u l-ħelu llum ma ssibux għand Bonaci bħal dari.

—Mela la qdejtek tajjeb, qabeż igħid Ġorġ, naħseb li issa tagħtini dik it-teftifa li kien baqa' bejnietna.

—X'teftifa hi? staqsa mistagħġeb is-Sur Ġann, aħna ma ftehimniex u ħallastek?

—Iva, ftehimna u ħallastni, qal biered, biered Ġorġ. Imma ħa nfakkrek ftit. Bejn dqiq, zokkor, ħalib tal-bott, xorb, u ċekċik ieħor il-kont intela' sittin lira. Inti ridt tagħtini ħamsin. Flaħħar ftehimna ħamsa u ħamsin. Ħallastni u nfridna ta' rġiel. Imma issa la int kont moqdi tajjeb, irrid dawk il-ħames liri ;biex il-kont jibqa' sħiħ kif kien, sittin lira.

—Ma nħallsekx, qallu s-Sur Ġann sħun sħun. Dawn xi bċejjeċ huma! L-ewwel niftiehmu, nħallsek, imbagħad tiġi titlobni iżjed! Dan serq! Aħjar ikun għalik toħroġli 'l barra minn hawn!

—Tisħonx, sur Ġann; m'aħniex niġġieldu. Nitkellmu bil-kwiet. Taf inti, żied igħid qisu x-xitan igħallem il-qdusija, taf inti li fi żmenijiet bħal dawn dal-ħelu kollu bil-*wedding-cake* u l-ġelati hu frotta barra minn żmienha, biex ma ngħidx li hu ksur il-liġi. Ma tridx, sinjur bħalek, li fl-aħħar siegħa qabel it-tieġ tiġi l-pulizija f'darek, u, taf int, la tidħol il-pulizija tqum il-għajdut tan-nies, u jinqala' l-għawġ.

Is-Sur Ġann ma kienx jibża' mit-tehdid. Kellu min jaqbeż għalih, kellu fost il-mistednin min seta' jeħilsu mqar minn difrejn ix-xitan. Jaqaw mhux għall-ħbieb li għamel dak kollu? Xejn bil-moħbi. Faħam miblul ma kellux. Ma kienx jibża'. Imma bħala bniedem tad-dinja kien jaf li jekk tindaħal il-pulizija ma jkunx kollox ħarir. Min-naħa l-oħra anqas ma xtaq iħallas dawk il-ħames liri hekk kiesaħ u biered. Għal-hekk biex jidrob 'il Ġorġ bl-arma tiegħu n-nifsu, qallu:

—Taf int li ma tistax taħżen dqiq u zokkor u ikel ieħor u anqas ma tista' tbigħ b'dak l-għoli barra mit-triq? Taf int li ma nofs kelma li ngħid nibagħtek il-ħabs?

—Tibgħatni, jekk għandek il-ħila twettaq kliemek. Mur id-dar tiegħi, żied igħid Ġorġ bi tbissima niggieża, ħu l-pulizija miegħek, ara ssibx għaxja ta' lejla, Mur, ħu l-imfietaħ,

fittex qalleb, ara għandekx ħila ssibli biss għabra dqiq jew kuċċarina zokkor! U mbagħad, mhux billi tgħid li xtrajt minn għandi u xtrajt bil-għoli. Għandek xhud? Jekk jien niċħad, għandek biex turi li qiegħed tgħid is-sewwa?

Is-Sur Ġann ra bħal sħaba quddiem għajnejh. Ħass ruħu fuq art titriegħed. Ftakar fi kliem in-nies li Ġorġ aktarx kien biċċa għodda f'idejn ħaddieħor. Min kien dan? Ħaseb li aħjar ma jtawwalx aktar u jiftiehem. Minkejja fih, daħħal idu fil-but, ħareġ il-ħames liri u b'ħarsa mqita tahom f'id Ġorġ.

Ġorġ ħatafhom, tbissem u qal:

—Raġel int Sur Ġann; jekk ikollok bżonn xi ħaġa għall-magħmudija tal-ewwel tarbija ta' bintek, arani; u taħseb xejn, naqdik mill-aħjar. Il-gwerra mhix sa tispiċċa għal issa.

P. P. Saydon